**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Ottubru, 2018

Rikors Guramentat numru : 250/13 AL

**AB**
**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta' Frar 1976 u minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, tlieta maggorenni u l-minuri Darton Calleja ta' sittax-il sena;

2. Illi z-zwieg ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minhabba eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi fost affarjiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibili u li jaghtu lok ghas-

separazzjoni personali skond il-Ligi, bi htija imputabbli unikament tal-konvenut;

3. Illi minhabba dawn ir-ragunijiet imputabbli lill-konvenut illi jaghtu lok ghas-seprazzjoni personali, permezz ta' digriet datat 5 ta' Lulju 2013, l-konvenut gie mitlub sabiex jallontana ruhu mid-dar matrimonjali;

4. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibili;

5. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 27 ta' Settembru 2013;

6. Illi l-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;

Talbet ghal ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;

2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u l-minuri fuq imsemmi, tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew minn pensjoni illi qed jircievi l-konvenut u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;

3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Darton Calleja f'idejn l-esponenti u dan kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lil-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni kollha parafernali taghha;

7. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lil-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum u hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

8. Tappunta espert komputista sabiex jirrelata dwar id-djun ezistenti u l-assi ezistenti;

9. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt, minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa : fol 17

1. Illi ssir riferenza ghar-rikors ta' Vincenzina Calleja pprezentat fl-atti tal-kawza surreferita fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru , elfejn u tlettax (2013);
2. Illi in kwantu ghall-ewwel talba attrici, f'dan iz-zwieg qatt ma kien hemm eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi min-naha ta' l-esponenti. Fil-fatt, l-esponenti prova jaghmel diversi tentattivi biex isalva z-zwieg, izda kull tentattiv safa fix-xejn. Illi, mhux talli hekk, talli l-esponenti kien ta prokura lil Vincenzina Calleja fuq il-kontijiet kollha li kellhom fil-Banek lokali Kien hemm ukoll diversi akkuzi serji kontra l-esponenti, sahansitra anki ma ghases u tressaq ukoll fuq dawn l-akkuzi, izda l-esponenti dejjem hareg liberat minn kull akkuza;
3. Illi in kwantu ghat-tieni talba attrici, kemm Vincenzina Calleja kif ukoll Darton Calleja jahdmu u ghaldaqstant, l-esponenti m'ghandux ikun ordnat illi jaghti manteniment, liema talba ghall-manteniment pendente lite gia giet michuda b'digriet minn din il-Qorti datat hamsa (5) ta' Lulju, elfejn u tlettax (2013), liema digriet qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;
4. Illi ghar-rigward tar-raba' talba attrici, l-kontendenti kienu ghamlu ftehim bejniethom kif ghandu jinqasam kollox bejniethom, hawn anness u mmarkat bhala Dok B, liema ftehim gie ffirmat miz-zewg partijiet u fejn l-esponenti wera x-xewqa illi jinzamm dan il-ftehim stante illi l-esponenti, illum il-gurnata, ghandu eta' kemm xejn avvanzata u wera x-xewqa illi jkun jista' jibda hajja mill-gdid mill-aktar fis possibbli;
5. Illi ghar-rigward tas-sitt talba attrici, l-esponenti ma ha ebda affarijiet mid-dar matrimonjali, fejn fil-fatt l-esponenti qieghed bhalissa jghix f'post tal-kiri fejn qed jigi ppregudikat stante illi qed ihallas ammonti kbar ghall-kiri u ghall-affarijiet bazici tal-hajja ta' kulljum stante illi ma jistax jghix f'daru;
6. Illi l-esponenti m'ghandux access ghall-garaxx, illi kien jintuza bhala store ghal xoghlu, skont digriet moghti minn

din il-Qorti datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru, elfejn u tlattax (2013), hawn anness u mmarkat bhala Dok. C, liema allontanament qed jippregudika l-pozizzjoni ta' l-esponenti u xoghlu;

7. Illi in kwantu ghall-bqija tat-talbiet, l-esponenti ma ghandux kontestazzjoni izda jikkontendi li l-kommunjoni tal-akkwisti ghandha tigi likwidata tenendo kont li l-htija tat-tkissier taz-zwieg huwa imputabbli lill-istess attrici;
8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Bl-ispejjez kontra l-attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-proċediment u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Anna Mallia u Dottor Greta Mifsud Agius, ix-xhieda hemmhekk prodotti u d-dokumenti minnhom esebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet iddatati l-14 ta' Mejju 2018[1] u l-21 ta' Ġunju 2018[2] rispettivament, iżda skartat għal kollox is-serje ta' affidavits ippreżentati mill-attriċi fl-istess data, in vista li l-istess affidavits ġew ippreżentati ferm wara li l-istess attriċi iddikjarat il-provi tagħha magħluqa[3], u effettivament l-istadju tal-ġbir tal-provi kollha kien magħluq.

Rat illi l-konvenut ma ppreżentax provi u lanqas b'xi mod ikkontesta l-verżjoni tal-attriċi;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Rat illi hemm diversi pendenzi li ġew sorvolati fil-mori tal-proċediment tant illi l-konvenut informa lill-Qorti illi l-attriċi tat struzzjonijiet lill-avukat tagħha sabiex iċċedi l-kawża. Dana effettivament ma seħħx u għaldaqstant il-Qorti ser taddivjeni

---

[1] Fol. 880

[2] Fol. 907

[3] Il-provi tal-attriċi ġew iddikjarati magħluqa fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fl-14 ta' Diċembru 2016, fol. 780

sabiex tiddeċiedi dwar dawk il-kwistjonijiet illi għadhom pendenti bejn il-partijiet;

Rat illi l-partijiet huma diġa ddivorzjati permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-1 ta' Novembru 2017 illi permezz tagħha ġie ippronunzjat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet liema żwieġ kien ġie iċċelebrat fis-7 ta' Frar 1976[4];

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi Calleja, mil-liema żwieġ twieldu erba' ulied, illum ilkoll maġġorenni;

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur tal-attriċi kif ukoll għan-nota ġuramentata tagħha[5] li permezz tagħha telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

- Illi l-Qorti tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet ta' sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi imputabbli unikament lilu;
- Illi jkun likwidat manteniment adegwat għaliha u għal iben il-partijiet Darton Calleja, liema manteniment jitħallas lilha mill-konvenut;
- Għal dak li jirrigwarda l-kura u l-kustodja tal-minuri Darton, tikkontendi li dawn għandhom ikunu fdati f'idejha;
- Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-likwidazzjoni u l-qasma tagħha;

---

[4] Kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv esebit fol. 6
[5] Iddatata it-13 ta' Marzu 2014, fol. 26

- Titlob l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut;
- Titlob li l-konvenut ikun ordnat jirritornalha l-assi parafernali kollha tagħha;

## 1. <u>Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>

L-attriċi tattribwixxi lil żewġha it-tortijiet tas-sevizzi, l-eċċessi, l-minaċċi u l-inġurji gravi bħala r-raġuni għall-isfaxxar taż-żwieġ tal-partijiet. Il-konvenut jiċħad dan u jgħid illi min-naħa tiegħu għamel diversi tentattivi sabiex isalva iż-żwieġ iżda kull tentattiv safa fix-xejn.

L-attriċi ssostni li kien l-egoiżmu, ix-xeħħa, il-vizzju tal-pornografija u l-abbuż sesswali tal-konvenut illi wasslu għat-tifrik taż-żwieġ. Mill-bidu taż-żwieġ, l-intimat kien iħobb jara l-pornografija u kien ossessjonat li meta jkollu x'jaqsam ma' martu jimita d-dinja surreali tal-pornografija. L-attriċi kienet saħansitra soġġetta għall-esperimentazzjoni sesswali b'magni li għamel l-intimat. Meta l-attriċi kienet topponi għal dak li kien iridha tagħmel kontra l-volonta` tagħha, l-intimat kien jagħmel in-nervi u jagħmel il-ġranet miġġieled magħha, jgħajjarha li m'hijiex tajba fis-sodda u jirrikattaha li kien ser isib mara oħra. F'Lulju 2003, l-attriċi kienet irrikorriet għall-għajnuna għand id-"Domestic Violence Unit" fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ. Hija xorta waħda baqgħet tagħmel minn kollox biex issalva ż-żwieġ u għalhekk meta ċemplu il-ħaddiema soċjali biex jaraw kif baqgħet, kienet qaltilhom illi rranġaw. Pero` l-intimat baqa' jqis lill-martu bħala oġġett sesswali u fejn kien iqis illi ma ssodisfatx il-gosti sesswali tiegħu kien jirrikorri għall-pornografija u jassoġġetta lil martu għal tgħajjir u abbuż verbali kontinwu. Dan l-aġir kompla jiggrava maż-żmien u l-attriċi reġgħet fetħet il-każ tagħha mal-Aġenzija Appoġġ f'Ġunju 2013 u dan minħabba l-abbuż emozzjonali, sesswali u finanzjarju li baqgħet tinkorri.[6]

Minbarra dan il-vizzju tal-pornografija u l-ossessjoni dwar is-sess, l-intimat kien ukoll juri xeħħa fil-konfront ta' martu u

---

[6] Dana huwa kkonfermat mid-dokument ipprovdut mill-Aġenzija Appoġġ fol. 793;

uliedu. Meta uliedu kienu jaħdmu miegħu, kien iħallashom inqas milli jistħoqqilhom minkejja illi kienu jaħdmu siegħat twal. Kien jagħti ammont limitat ta' flus lil martu tant illi din kellha tagħmal id-dejn mal-growser u tħallsu lura meta tirċievi ċ-children's allowance. Lejn l-aħħar tal-konvivenza matrimonjali, il-konvenut kien qiegħed jirrifjuta x-xogħol biex iqatta` ħin twil quddiem il-kompjuter.

Permezz ta' digriet maħruġ fit-28 ta' Novembru 2013[7], din il-Qorti, kif diversament presjeduta, ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni kontra Salvatore Calleja a favur l-attriċi u l-membri tal-familja tagħha b'mod partikolari binha minuri Darton, għal żmien tliet snin. Il-Qorti ordnat illi Salvatore Calleja jallontana ruħu mhux biss mid-dar matrimonjali (kif kien ġie dekretat fil-5 ta' Lulju 2013[8]) iżda wkoll mill-garaxx adġaċenti mad-dar matrimonjali. B'effett mill-iżgumbrament, l-intimat ġie ordnat iżomm distanza ta' mhux anqas minn kilomentru mid-dar matrimonjali kif ukoll mill-postijiet tax-xogħol tal-attriċi u t'ulied il-partijiet. Ordnatlu wkoll li jiddeżisti milli jikkomunika mal-attriċi b'xi mezz.

Ġew esebiti[9] serje ta' disa' rapporti tal-Pulizija li saru mill-attriċi fil-konfront ta' żewġha bejn Ġunju 2013 u Novembru 2013. Dawna lkoll jirrigwardaw it-tkeċċija tal-attriċi u l-minuri minn ġo darha, u d-diffikolta` tal-attriċi sabiex tiżgombra lil żewġha mid-dar matrimonjali u mill-garaxx in segwitu għad-digrieti tal-Qorti appena ċċitati.

Il-konvenut, filwaqt illi jaqbel illi ż-żwieġ tiegħu mal-attriċi sfaxxa, jsostni li dana seħħ minħabba ħtijiet imputabbli unikament lill-attriċi. Kif ingħad, huwa ma tax il-verżjoni tiegħu ta' kif ġraw l-affarijiet. Minkejja dan, ġew esebiti[10] tnax-il rapport tal-Pulizija li saru mill-konvenut fil-konfront ta' martu u ibnu. Dawna saru bejn Awwissu 2013 u Marzu 2014 u jirrigwardaw

---

[7] Kopja esebita, fol. 23

[8] Kopja esebita, fol. 20

[9] Mill-**Ispettur Melvyn Camilleri** fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia nhar l-24 ta' Novembru 2014, fol. 54 et seq.;

[10] Mill-**Ispettur Melvyn Camilleri** fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia nhar l-14 ta' Lulju 2015, fol. 484 et seq;

alegazzjonijiet ta’ theddid fuq il-ħajja tal-konvenut, kif ukoll serq ta’ għodda u oġġetti relatati mas-sajd mill-garaxx tiegħu.

Irriżulta illi fid-29 ta’ Ġunju 2013[11], il-konvenut kien għamel attentat biex ineħħi ħajtu. Għaldaqstant huwa ġie riferut għall-Isptar Monte Karmeli fejn ġie rilaxxat ġimgħa wara.

Mix-xiehda tal-istess **konvenut**[12], huwa kien qiegħed jgħix mas-sieħba tiegħu u ma’ binthom, illi twieldet fl-2015. Is-sieħba tiegħu hija Filippina u għamel tajjeb hu sabiex hija setgħet tiġi hawn Malta. Sussegwentement għall-għoti tad-divorzju bejn il-partijiet, il-konvenut fis-seduta tal-21 ta’ Marzu 2018 informa lill-Qorti li kien bidel kunjomu għal Sibayan Calleja u talab korrezzjoni fl-okkju f’dan is-sens. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet finali tiegħu[13], huwa jikkonferma illi kien iżżewweġ lill-istess sieħba.

## PRINĊIPJI LEGALI

Dwar din l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti fl-ewwel lok, tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li jistipula:

“***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista’ titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***”.

---

[11] Dokumenti SC1 Sa SC3 esebiti minn **Oswald Balzan** rappreżentant tal-Isptar Monte Karmeli, fis-seduta tal-1 ta’ Novembru 2016, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia, fol. 622;

[12] Mogħtija in subizzjoni nhar l-14 ta’ Diċembru 2016, fis-seduta miżmuma mill-Assitent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia, fol. 780;

[13] Fol. 907

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[14] ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Il-moħqrija, kif imsemmija fl-Artikolu 40 ġja ċċitat, bħala bażi għas-separazzjoni personali, ġiet ritenuta minn ġurisprudenza kostanti bħala "sevizzi".[15] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[16], deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġja ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".*

Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

## APPREZZAMENT TAL-QORTI

M'hemm l-ebda dubju illi l-fatti li tirrakkonta l-attriċi u hawn fuq riprodotti, jindikaw illi l-konvenut kien ħati ta' moħqrija, theddid u inġurji gravi fil-konfront tal-attriċi. Huwa kien iqisha biss bħala

---

[14] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[15] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[16] Vol. XLV C.xii.708

oġġett sesswali li kellha taqdi l-fantasiji kollha tiegħu, fantasiji msejsa mill-aċċess kontinwu tiegħu għal materjal pornografiku. Jirriżulta illi huwa eżerċita fuqha kontroll ferm abbużiv u manipulattiv, billi kien jgħajjarha u jiddisprezzaha. L-abbuż kien jestendi wkoll bil-kontroll tal-flus, billi kien jgħaddilha ammont insufiċċjenti biex bih tista' tgħajjex familja ta' sitt persuni. M'hemm l-ebda dubju li dan l-aġir tal-konvenut irrenda l-konvivenza matrimonjali insapportabbli.

Il-Qorti qiegħda tikkonsidra illi l-attriċi ma titlobx id-dikjarazzjoni tas-separazzjoni għab-bażi tal-adulterju tal-konvenut iżda torbot l-ewwel talba tagħha espressament mal-ħtijiet tas-sevizzi, l-eċċessi, il-minaċċi u l-inġurji gravi. Jirriżulta iżda, illi l-konvenut effettivament kellu relazzjoni ma' mara oħra, sakemm kien għadu miżżewweġ lill-attriċi, mil-liema relazzjoni saħansitra twieldet tarbija. Illi din ir-relazzjoni adultera, bla dubju wkoll tista' titqies bħala moħqrija fuq l-attriċi tenendo conto illi l-istess ġuriprudenza tagħna kostantament tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[17]

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha miġjuba, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u li f'dan l-istadju m'hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni bejniethom. Dwar il-ħtijiet addetti lill-attriċi, minkejja li l-konvenut jittenta jiskolpa ruħu minn kull ħtija, fl-istess ħin, ma ressaq ebda prova tal-ħtijiet ta' martu fit-tkissir taż-żwieġ. Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija tal- konvenut li rrenda ruħu ħati ta' theddid (minaċċi), inġurji gravi u moħqrija (sevizzi) fil-konfront tal-attriċi.

[17] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP);

2. **<u>Dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut</u>**

L-attriċi titlob li din il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif diġa ntqal, fl-ewwel parti ta' din is-sentenza, illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi Calleja sfaxxa għal ħtijiet imputabbli lill-konvenut illi rrenda ruħu ħati ta' sevizzi, inġurji gravi u theddid fil-konfront tal-attriċi.

Dan it-tort imputabbli lill-konvenut huwa komminat fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 et seq. Dana b'differenza mill-każ meta l-firda personali tkun motivata mill-abbandun u l-adulterju, stante li dawn iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi mandatorji u li jridu jiġu applikati <u>dejjem</u> mill-Qorti fil-konfront tal-ħatja, ai termini tal-istess Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[18];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ,***

---

[18] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Il-Qorti, filwaqt illi ma tistax tinjora l-istat ta' fatt illi l-konvenut kellu relazzjoni adultera matul iż-żwieġ tiegħu mal-attriċi, hija tal-fehma illi t-tortijiet tal-konvenut huma abbastanza gravi sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha appena ċċitati.

### 3. Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri Darton

L-attriċi titlob illi hija tiġi fdata bil-kura u l-kustodja ta' binha in vista li d-deċiżjonijiet relatati mal-istess minuri dejjem ħadithom hi weħidha peress li l-intimat qatt ma kien interessat fit-trobbija t'uliedu. Il-konvenut ma joġġezzjonax.

Fid-data tal-preżentata tal-kawża, u cioe f' Novembru 2013, iben il-partijiet diġa kellu sittax-il sena. Għalhekk jirriżulta illi fid-data tal-preżenti huwa għandu wieħed u għoxrin (21) sena u b'hekk laħaq l-eta` maġġorenni. B'hekk, m'hemmx iktar lok li l-Qorti tippronunzja ruħha dwar il-kura u l-kustodja tiegħu u għalhekk ser tkun qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba.

### 4. Dwar il-Manteniment għall-attriċi u għal binha minuri

Permezz tar-rikors ġuramentat, l-attriċi talbet manteniment kemm għaliha, kif ukoll għal binha Darton. Il-konvenut ma jaqbilx li għandu jħallas manteniment kemm għal martu kif ukoll għal ibnu u dan għaliex huwa jinsisti illi dawn it-tnejn jaħdmu.

L-attriċi sostniet illi hija ma taħdimx barra mid-dar għajr li tgħin lil ħabiba tagħha f'kaffetterija u bħala kumpens din tgħaddilha s-somma ta' €40 fix-xahar. Minħabba li l-intimat qatt ma ried

iħallas manteniment għaliha u għal binha Darton, huma ġew kostretti jgħixu bil-benefiċċji soċjali u dan wara li għamlu żmien jiddependu għal kollox mill-ġenerożita` ta iben il-partijiet Manwel. L-attriċi tinsisti li hija għandha titħallas il-manteniment u dan in vista tal-prinċipju legali li l-parti li tkun ħatja tal-firda ma tkunx meħlusa mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra. Inoltre, l-attriċi diġa kellha 58 sena u kienet ilha nieqsa mis-suq tax-xogħol. Ma kienx faċli għaliha li ssib impjieg anke minħabba l-eta` tagħha. Inoltre hija ma kellhiex biżżejjed kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali sabiex tirċievi l-pensjoni. Hija dejjem iddedikat ħajjitha għall-familja tagħha.

Fin-nota ġuramentata tagħha[19], l-attriċi sostniet illi Darton ma kellux impjieg. Kif spiċċa mill-iskola huwa kien sab *part-time* job bħala wejter, iżda missiseru sfrattahulu billi mar jimla lil sid in-negozju b'gideb fuq l-istess ibnu.

Mill-*employment history* tal-partijiet[20], jirriżulta illi l-attriċi bdiet taħdem part-time casual fl-1 ta' Novembru 2013, u baqgħet hekk taħdem sad-data tar-riċerka, għalkemm biddlet il-post tax-xogħol fl-1 ta' Ġunju 2016. Il-konvenut biddel diversi impjiegi, bl-aħħar impjieg tiegħu ikun dak ta' sajjied full-time *self-employed*, liema xogħol huwa għamlu mill-14 t'Ottubru 1996 sat-18 ta' Novembru 2015, fejn huwa rriżenja għal raġunijiet ta' saħħa.

Kif intqal, fil-mori tal-kawża, iben il-partijiet Darton laħaq l-eta` maġġorenni. M'hemm l-ebda indizji li jindikaw li l-istess Darton għadu jistudja u għalhekk m'hemmx iktar lok illi din il-Qorti tillikwida manteniment għall-għixien tiegħu. Dan huwa kkonfermat mill-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[21], fejn tgħid *"Preżentement, l-erba ulied tal-partijiet huma maġġorenni u għalhekk ma għadtx hemm lok li jkun hemm provvediment fuq il-kura u kustodja u manteniment tal-istess."*

---

[19] Fol. 27

[20] Esebita minn Joseph Saliba rappreżentant ta' **Jobsplus**, fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia, fl-1 ta' Novembru 2016, fol. 622;

[21] Fol. 886

Fl-istess nota ta' sottomissjonijiet, dwar il-manteniment tagħha, l-attriċi tiddikjara illi preżentement mhijiex qed titlob manteniment mingħand żewġha. Dana jikkontradixxi it-tieni talba kontenuta fir-rikors ġuramentat. **B'hekk il-Qorti tifhem li l-attriċi qiegħda tirtira t-talba tagħha sabiex permezz tal-preżenti, jiġi likwidat manteniment favur tagħha pagabbli minn żewġha l-konvenut, filwaqt illi żammet ferm il-possibilita` li titlob manteniment mingħand il-konvenut fil-futur**. Il-Qorti tikkonferma illi, fil-fehma tagħha, l-attriċi ma tilfitx id-dritt illi titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand il-konvenut.

## 5. Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Dwar l-aspett patrimonjali, l-attriċi titlob it-terminazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut isostni illi l-partijiet għamlu ftehim bejniethom[22] kif għandhom jaqsmu l-oġġetti materjali li huma għandhom.

L-attriċi telenka[23] s-segwenti oġġetti bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn il-konvenut:

- Id-dar matrimonjali u l-garaxx adġaċenti li tinsab f'41, Dar id-Delizzju, Triq Axtart, Marsaxlokk;
- Il-kontenut tad-dar matrimonjali u l-garaxx;
- Il-vetturi Hyundai S-Coupe, Tata u vann Transit;
- Il-lanċa bl-isem Serena Blu u bin-numru tar-reġistrazzjoni MFA53;
- Dehebijiet;
- Diversi għodda u oġġetti oħra li jinsabu f'garaxx tal-kiri nnumerat 12, Triq l-Isqof Manuel Galea, Żejtun;
- *Consumer overdraft facility* intestat f'isem iż-żewġ partijiet;

[22] Ftehim esebit fol. 22
[23] Fin-nota ġuramentata tagħha, fol. 28

Jirriżulta illi d-dar matrimonjali inkluż il-garage ġew mibjugħa u trasferiti lil terzi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef iddatat is-26 ta' Jannar 2018.[24] Mir-rikavat tal-bejgħ, tħallset is-somma ta' €6,101.23 b'mod ugwali mill-partijiet, lil Bank of Valletta p.l.c. sabiex ġie kkanċellat id-dejn li l-konjuġi Calleja kellhom mal-imsemmi Bank. Il-bilanċ tħallas €119,867.29 lill-konvenut u €111,291.49 lill-attriċi.[25] Il-konvenut tħallas €4287.90 iżjed, liema somma tnaqqset minn sehem l-attriċi. L-attriċi ssostni li żewġha kellu jitħallas iżjed biss is-somma ta' €2330 (għall-frejgatina) u għalhekk titlob rimbors ta' €1957.90.[26] Il-Qorti ma taqbilx. Ladarba hija aċċettat il-qasma tal-bilanċ tar-rikavat tad-dar u m'oġġezzjonatx f'dak l-istadju u aċċettat iċ-ċekk mogħti lilha, ma tistax tippretendi rimbors f'dan l-istadju.

L-attriċi ssostni wkoll illi hija għandha tingħata kumpens għal sehemha mill-mobbli li kien hemm fid-dar matrimonjali, in vista li dawn, ingħataw fl-intier tagħhom lill-konvenut meta l-imsemmija dar inbiegħet lil terzi. L-istess mobbli huma elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni nnumerat 62/14.

L-attriċi għandha tmien kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta p.l.c., filwaqt illi l-konvenut għandu żewġ kontjiet mal-istess bank. Il-partijiet għandhom ukoll sitt kontijiet konġunti ma' Bank of Valletta p.l.c.[27] Dwar dawn il-kontijiet, l-attriċi tissottometti illi kwalunkwe kont bankarju konġunt, sal-preżenti, ġie magħluq. Hija tal-fehma, u l-Qorti taqbel anke in vista tan-nuqqas ta' kontestazzjoni, illi kull parti żżomm kull kont bankarju ntestat f'ismha.

Mix-xiehda[28] ta' **Brian Farrugia** minn **Transport Malta**, jirriżulta illi l-attriċi m'għandha u qatt ma kellha l-ebda vettura

---

[24] Kopja tal-istess kuntratt esebita fol. 870;
[25] Kopja taċ-ċekkijiet relattivi esebita fol. 874;
[26] Nota ta' sottomissjonijiet, fol. 887
[27] Xhieda ta' **Joseph Caruana** rappreżentant ta' Bank of Valletta p.l.c. mogħtija fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2014, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia, fol. 54. Statements esebiti fol. 86 et. seq
[28] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2015, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia, fol. 448

rreġistrata f'isimha u li l-konvenut għandu erba' rreġistrati f'ismu u li għadhom fit-triq (mhux garaged) :

- Tata Telcoline (tas-sena tal-manifattura 1998) bin-numru tar-reġistrazzjoni EBF068[29] akkwistata fl-14 ta' Frar 2011;
- Bedford Astra (tas-sena tal-manifattura 1987) bin-numru tar-reġistrazzjoni JAD617[30] akkwistat fil- 5 ta' Novembru 2002;
- Isuzu (tas-sena tal-minfattura 1980) bin-numru tar-reġistrazzjoni GAD146 akkwistat fit-2 ta' Ottubru 1997;[31]
- Hyundai S-Coupe (tas-sena tal-manifattura 1993) bin-numru tar-reġistrazzjoni LCF375 akkwistata fl-1 ta' Frar 2007[32];

Hemm ukoll żewġ vetturi li huma intestati fuq il-konvenut illi ġew garaged, u erba' vetturi li ġew skrappjati. L-attriċi ssostni li hija ma tatx il-kunsens tagħha għall-iskrapp tal-imsemmija vetturi u li għalhekk oltre li m'għandhiex teħel l-ispejjeż għall-iskrapp tagħhom, għandha tiġi kkumpensata għal sehemha mill-istess vetturi.

Dwar id-dgħajsa "Serena Bianca", il-konvenut isostni li din inbiegħet u c-cekk tat-23 t'Awwissu 2013 ta' elf Ewro inżamm mill-Avukat Dottor Stefan Zrinzo Azzopardi. Hu ma jafx jekk martu ġabritx dak iċ-ċekk mingħand l-imsemmi avukat[33]. Mill-iskrittura privata iddatata it-23 t'Awwissu 2013, jirriżulta illi l-partijiet kienu sejrin jitrasfexxu l-imsemmija dgħajsa lil ċertu Domnic Tanti li ħallas elfejn Ewro depożitu, elf lill-attriċi u elf lill-konvenut. Il-bilanċ tal-prezz, liema bilanċ kien jammonta għal erba' u għoxrin elf Ewro (€24,000) kellu jitħallas sad-data tat-trasferiment tad-dgħajsa. L-attriċi tgħid illi hija qatt ma rċeviet sehemha mill-bilanċ tal-prezz.

---

[29] Fol. 472;
[30] Fol. 473;
[31] Fol. 475;
[32] Fol. 478;
[33] Xiehda tal-konvenut in subizzjoni mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2016, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia, fol. 780;

Rigward is-"Serena Blu", din kellha tiġi trasferita lill-konvenut għall-prezz ta' €4,500. Huwa ħallas lill-attriċi s-somma ta' €2338[34], u għalhekk hija jonqosha li tirċievi il-bilanċ tal-prezz tal-imsemmija dgħajsa illi tinsab fil-pussess tal-konvenut;

Lejn l-aħħar tal-proċediment, l-attriċi ddikjarat illi m'hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet rigward dawn iż-żewġ laneċ[35].

L-attriċi titlob ukoll ir-rifużjoni ta' elf Ewro (€1000) rappreżentanti sehemha mill-ispejjeż ta' elfejn Ewro (€2000) illi żewġha nefaq mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, sabiex ikun jista' jġib lis-sieħba tiegħu hawn Malta mill-Filippini.

L-attriċi tikkontendi illi l-konvenut kellu jkun unikament responsabbli għall-business loan bin-numru 40022346430 u dana peress li qatt ma kellha l-ebda kontroll fuq dan in-negozju li l-konvenut kien jiġġestixxi waħdu u li ma bbenefikatx mill-profitti li saru minn dan in-negozju. Hija ħallset is-somma globali ta' €3937.61 biex l-istess dejn ġie saldat u cioe €3050.61 mal-bejgħ tad-dar matrimonjali u €887 bħala ripagamenti mensili tal-imsemmi dejn. Għalhekk hija titlob ir-rimbors tas-somma ta' €3937.61.

Il-Qorti ma taqbilx u dana għaliex jirriżulta mill-istatements bankarji esebiti[36] illi l-imsemmi kont bankarju ta' self li ġie saldat mal-bejgħ tad-dar matrimonjali u cioe dak innumerat 40022346430[37], emana minn *consumer overdraft* innumerat 16603403056[38]. Dana il-*consumer overdraft* kien imur lura mill-inqas għas-sena 1994, meta l-partijiet kienu għadhom relattivament fuq nota tajba. Il-kont kellu żbilanċ li ma kienx qiegħed jiġi mħallas u għalhekk il-bank ikkonvertieh f'kont ta' self. L-iżbilanċ fl-imsemmi kont, imur lura għal diversi snin. Anke jekk *se mai*, dawna kienu spejjeż illi l-konvenut inkorra fil-ġestjoni tan-negozju tiegħu, matul dawn is-snin, l-attriċi kienet qiegħda tgawdi mill-frott tal-istess negozju tal-konvenut u

---

[34] Kopja taċ-ċekk relattiv esebita fol. 801.
[35] Nota ta' sottomissjonijiet, fol. 888
[36] Partikolarment fol. 157 u fol. 426
[37] Dok. BOV 9
[38] Dok. BOV 14

għalhekk m'għandhiex tiġi eżonerata milli tħallas il-bilanċ tiegħu. B'hekk it-talba tagħha għar-rifużjoni tas-somma ta' €3937.61 tirriżulta infondata fil-fatt u fid-dritt.

Il-Qorti tirrileva illi mal-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, liema divorzju ġie dekretat nhar l-1 ta' Novembru 2017, ġiet itterminata *ipso iure*, il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Calleja u dana bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1319 tal-Kodiċi Ċivili.

Bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda taqsam u tassenja l-imsemmija komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Calleja kif ġej:

Tassenja lill-konvenut:

- Il-mobbli kollha, inkluż l-għodod, li kienu jinsabu fid-dar ġja matrimonjali u l-garaxx adġaċenti ossia fil-fond 41, Dar id-Delizzju, Triq Axtart, Marsaxlokk;
- Il-vetturi kollha li huma rreġistrati f'isem il-konvenut, inkluż dawk garaged, kif ukoll kwalsiasi spiża relatata magħhom;
- Dehebijiet li jintlibsu mis-sess maskil;
- Diversi għodda u oġġetti oħra li possibilment kienu jinsabu f'garaxx tal-kiri nnumerat 12, Triq l-Isqof Manuel Galea, Żejtun;
- Kwalsiasi kont bankarju jew investiment li jistgħu ikun intestati f'ismu;

Tassenja lill-attriċi:

- Dehebijiet li jintlibsu mis-sess femminil;
- Kwalsiasi kont bankarju jew investiment li jistgħu ikun intestati f'isimha;
- Is-somma ta' għaxart'elef Ewro (€10,000) pagabbli lill-attriċi mill-konvenut għal darba waħda biss, liema somma qiegħda tiġi likwidata *arbitrio bono viri* sabiex tikkumpensa lill-attriċi għall-oġġetti l-oħra kollha illi bil-

preżenti ġew assenjati lill-konvenut; bl-imgħax legali li jiddekorri mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv;

- Is-somma ta' elf Ewo (€1000) rappreżentanti sehem l-attriċi mill-ispejjeż ta' elfejn Ewro (€2000) illi żewġha nefaq mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom sabiex ikun jista' jġib lis-sieħba tiegħu hawn Malta mill-Filippini; bl-imgħax legali li jiddekorri mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv;

## 6. Dwar l-Assi Parafernali tal-attriċi

L-attriċi tallega illi hija xtrat diversi oġġetti għad-dar matrimonjali minn flus li kienet wirtet mingħand il-ġenituri tagħha. Il-konvenut jiċħad illi huwa ħa xi affarijiet mid-dar matrimonjali. Il-Qorti tinnota illi din l-allegazzjoni tal-attrċi m'hijiex ippruvata. M'hemm l-ebda prova ta' xi flus li waslu lilha minn wirt, lanqas tal-oġġetti li setgħet xtrat bl-istess flus u lanqas hemm prova li l-konvenut approprja ruħu mill-imsemmija oġġetti u li għadu fil-pussess tagħhom. In vista ta' dan, it-talba tal-attriċi relattiva għall-beni parafernali tagħha, qiegħda tiġi miċħuda fuq nuqqas ta' provi suffiċjenti.

## 7. Dwar il-kunjom tal-attriċi

Permezz ta' nota iddatata l-10 ta' Novembru 2014[39], l-attriċi iddikjarat illi hija tixtieq illi tirriverti għal kunjom xbubitha "Bonnici". Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

## DEĊIDE

[39] Fol. 52

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi Calleja, bi ħtijiet ta' sevizzi, minaċċi u inġurji gravi imputabbli lil-konvenut; konsegwentement tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

[2] Tiċħad it-tieni talba attriċi u dan inkwantu jirrigwarda il-manteniment ta' iben il-partijiet Darton, stante illi dana laħaq l-eta` maġġorenni u m'hemmx lok ta' manteniment għalih skont il-liġi; inkwantu jirrigwarda l-manteniment għall-attriċi innifisha in vista li dina irtirat it-talba tagħha sabiex jiġi likwidat manteniment immedjat favur tagħha, filwaqt illi żammet ferm il-possibilita` li titlob manteniment mingħand il-konvenut fil-futur. Il-Qorti tikkonferma illi l-attriċi ma tilfitx id-dritt illi titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand il-konvenut.

[3] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba tar-rikorrenti in vista li iben il-minuri Darton, fil-mori tal-proċediment, laħaq l-eta` ta' tmintax-il sena;

[4] Tilqa' r-raba' talba attriċi u filwaqt illi tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet konjuġi Calleja ġiet itterminata *ipso iure* fl-1 ta' Novembru 2017, qiegħda taqsamha u tassenjaha kif ġej:

Tassenja lill-konvenut:

- Il-mobbli kollha, inkluż l-għodod, li kienu jinsabu fid-dar ġja matrimonjali u l-garaxx adġaċenti ossia fil-fond 41, Dar id-Delizzju, Triq Axtart, Marsaxlokk;
- Il-vetturi kollha li huma rreġistrati f'isem il-konvenut, inkluż dawk *garaged*, kif ukoll kwalsiasi spiża relatata magħhom;
- Dehebijiet li jintlibsu mis-sess maskil;

- Diversi għodda u oġġetti oħra li possibilment kienu jinsabu f'garaxx tal-kiri nnumerat 12, Triq l-Isqof Manuel Galea, Żejtun;
- Kwalsiasi kont bankarju jew investiment li jistgħu ikun intestati f'ismu;

Tassenja lill-attriċi:

- Dehebijiet li jintlibsu mis-sess femminil;
- Kwalsiasi kont bankarju jew investiment li jistgħu ikun intestati f'isimha;
- Is-somma ta' għaxart'elef Ewro (€10,000) pagabbli lill-attriċi mill-konvenut għal darba waħda biss, liema somma qiegħda tiġi likwidata *arbitrio bono viri* sabiex tikkumpensa lill-attriċi għall-oġġetti l-oħra kollha illi ġew assenjati lill-konvenut bil-preżenti; bl-imgħax legali li jiddekorri mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv;
- Is-somma ta' elf Ewo (€1000) rappreżentanti sehem l-attriċi mill-ispejjeż ta' elfejn Ewro (€2000) illi żewġha nefaq mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom sabiex ikun jista' jġib lis-sieħba tiegħu hawn Malta mill-Filippini; bl-imgħax legali li jiddekorri mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv;

[5] Tilqa' l-ħames talba attriċi billi tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

[6] Tiċħad is-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet attriċi;

[7] Tilqa' id-disa' talba tal-attriċi u tawtorizzaha tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta;

[8] Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha ossia "Bonnici".

Bl-ispejjeż, inkluż tal-mandat ta’ deskrizzjoni fl-ismijiet premessi u nnumerat 62/14, ikunu sopportati mill-konvenut.